**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 170/2023 AGV**

J sive JL S

vs

ONS

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' J sive J LS datat 27 ta' Marzu 2023 :**

**Jesponi bir-rispett:**

Illi l-Kontendenti żżewġu nhar l-erbgħa ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (04/09/2015), ċivilment, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv wieħed disgħa tlieta ħamsa tas-sena elfejn u ħmistax (1935/2015) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala *Dok. A*;

Illi minn dan iż-żwieġ ma twildux ulied;

Illi l-partijiet ilhom separati *de jure* mit-tnejn ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (02/08/2022) b'kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dottor Francesca Cachia Zammit, kopja ta' liem kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala *Dok. B;*

Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti ddekadew reċiprokament mid-dritt għall-manteniment mingħand xulxin;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qiegħed jippreżenta affidavit tiegħu hawn anness u mmarkat bħala *Dok. C;*

Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi m'hemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ;

**Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skont l-artiklu 66D tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie ċċelebrat nhar l-erbgħa ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (04/09/2015)

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Bl-ispejjeż.**

**Rat li  l-konvenuta ma ghandhix oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 4 ta' Settembru 2015.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**